**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 180/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Julian CUSCHIERI**

**Illum, 30 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-24 ta' April 2023 fil-konfront ta' Julian CUSCHIERI ta' 51 sena, iben Nazzareno u Doris nee` Sapiano, imwieled il-Pieta` nhar l-10 ta' Settembru 1963, residenti fil-fond numru Fl 1, Wesgħa l-Knisja tan-Nattivita`, Blokk B, Cospicua u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 482863(M) li ġie mixli talli:-

   Fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Ottubru 2014, ġewwa Triq l-Inkurunazzjoni, Cospicua, għall-ħabta ta' nofs il-lejl neqsin kwart (23.45hrs) u l-kwarta ta' filgħodu (00:15hrs):-

a) Bil-ħsieb li joqtol lil Stefano Caruana jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'perikolu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Stefano Caruana jew iġiblu disordni f'moħħu, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt billi xejjer diversi daqqiet b'sikkina, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tiegħu;

b) Ukoll talli fl-istess lok, data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-imsemmija Stefano Caruana;

c) Kif ukoll fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, żamm u ġarr strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

d) Ukoll talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna ta' Stefano Caruana kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

e) Kif ukoll talli ġewwa Cospicua u f'dawn il-Gżejjer f'din id-data u sena qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornita lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

f) Talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

g) U aktar talli l-istess imputat kiser il-provvedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta mposti fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

h) Kif ukoll talli ġewwa Cospicua u f'dawn il-Gżejjer f'din id-data u sena qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Julian Cuschieri, a benefiċċju ta' Stefano Caruana u l-familja tiegħu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi [għas-sigurta`] tal-persuni ta' Stefano Caruana u l-familja tiegħu jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Julian Cuschieri b'obbligazzjoni tiegħu nniffsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ma sabitx lill-appellat Julian CUSCHIERI ħati tal-imputazzjonijiet minn wieħed (1) sa erbgħa (4), sitta (6) u sebgħa (7) kif dedotti kontra tiegħu, stante li ma ġewx ippruvati oltre d-dubju dettat mil-liġi, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numru ħamsa (5) u tmienja (8).

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza u tenut kont tan-nuqqasijiet elenkati fl-aggravji minnha mqajma, talbet lil din il-Qorti sabiex "*<u>tħassar u tirrevoka</u> s-sentenza appellata u tiddisponi minnha skont il-liġi*".

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

**Ikkunsidrat:**

4. Illi din il-Qorti sejra tibda billi tindirizza <u>l-ewwel aggravju</u> mressaq mill-Avukat Ġenerali, permezz ta' liema hija tissolleva l-preġudizzjali tan-nullita` tas-sentenza appellata u dan stante illi l-istess sentenza ġġib id-data tal-20 ta' Marzu 2023, filwaqt illi s-sentenza ngħatat mhux f'dik id-data, iżda nhar l-24 ta' April 2023. Fir-rigward, din il-Qorti eżaminat l-atti proċesswali u ma rriskontratx dak illi qegħda tilmenta dwaru l-Avukat Ġenerali, għaliex id-data ndikata fuq is-sentenza stampata, li tinsab a fol. 436 *et seq* tal-atti proċesswali, taqra "*Illum, 24 ta' April, 2023*". B'hekk hija konformi ma' dak li ġie rreġistrat fil-verbal tas-seduta ta' nhar l-24 ta' April 2023 (a fol. 435 tal-proċess), ossia illi ngħatat sentenza.

5. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat ukoll:**

6. Illi in kwantu <u>t-tieni aggravju</u> mressaq mill-Avukat Ġenerali, hija tissolleva n-nullita` tas-sentenza appellata abbażi tal-fatt illi l-ewwel Qorti naqset milli tiddeċiedi l-imputazzjonijiet (e) u (h). Fir-rigward, jirriżulta illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn l-imputazzjonijiet li jikkontemplaw reati relatati mad-droga, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset illi "*l-Avukat Generali fin-nota tieghu fejn elenka dawk l-Artikoli tal-Ligi li tahtha ghandha tinstab htija minn din il-Qorti kif komposta, dawk l-akkuzi kellhom jigu decizi mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali li tahtha jinstemghu kawzi*

*ta' drogi sommarji u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn l-akkuzi.*"

7. Illi minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta illi l-appellat CUSCHIERI tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar it-22 ta' Ottubru 2014 u ġie mixli b'reati taħt il-Kodiċi Kriminali, reati taħt il-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, reati kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll bir-reċidiva u bil-ksur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Illi ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali ordna illi l-imputat Julian CUSCHIERI jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101). Dan l-ordni, datat 26 ta' Jannar 2016, ġie esebit mill-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2016.[1]

9. Illi jirriżulta wkoll illi sussegwentement, fit-22 ta' Frar 2019, bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 u tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Avukat Ġenerali ordna illi l-imputat CUSCHIERI jiġi pproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza, ossia ħareġ l'hekk imsejjaħ kontro-ordni, biex b'hekk bagħat l-atti tal-kumpilazzjoni quddiem l-istess Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ddeċieda li ma jqiegħedx lill-imputat taħt att ta' akkuża. In oltre, fl-istess Ordni, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat CUSCHIERI, sabiex ikun iġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fit-termini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali, fejn indika l-artikoli tal-liġi li dwarhom setgħet tinstab ħtija fl-imputat taħt il-Kodiċi Kriminali, taħt il-Kapitolu 480, kif ukoll taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, bir-riżerva li dik il-Qorti tisma' qabel xejn il-provi indikati mill-Avukat Ġenerali.[2]

---

[1] Ara a fol. 230 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 398 u 399 tal-proċess.

10. Minn dakinhar li nħareġ il-kontro-ordni ċioe` nhar it-22 ta' Frar 2019, saret seduta nhar il-25 ta' Frar 2019 fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, iddifferiet il-kawża għall-20 ta' Mejju 2019 fuq talba tal-Prosekuzzjoni għal differiment. Fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2019 ma deher ħadd, filwaqt illi l-Uffiċjal Prosekutur bagħat jinforma lill-Qorti illi kien impenjat b'xogħol ieħor, u fis-seduta sussegwenti tas-7 ta' Ottubru 2019, reġa' ma deher ħadd bil-kawża tibqa' differita għat-3 ta' Frar 2020. Dakinhar l-Uffiċjal Prosekutur u l-imputat baqgħu ma dehrux u l-kawża tħalliet għas-16 ta' Marzu 2020, liema seduta ġiet differita b'ordni tal-Qorti għas-6 ta' Lulju 2020. F'din l-aħħar data, ingħata differiment, skont il-verbal, bi qbil bejn il-partijiet, din id-darba għall-5 ta' Ottubru 2020. Fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru 2020, il-Qorti iddifferiet il-kawża għat-13 ta' Novembru 2020, u dan wara li nnutat *inter alia* li l-imputat kien ilu ma jidher fil-proċeduri, li l-Prosekuzzjoni baqgħet m'għalqitx il-provi tagħha minkejja r-riżerva tal-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju u ordnat illi l-provi tal-Prosekuzzjoni jingħalqu fis-seduta sussegwenti. Is-seduta tat-13 ta' Novembru 2020 ġiet differita minħabba indisposizzjoni tal-Qorti, u f'dik tal-15 ta' Diċembru 2020, xehed Angelo Vella, li ġie ndikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tat-22 ta' Frar 2019. Is-seduta tal-15 ta' Marzu 2021 ġiet differita fid-dawl tal-pandemija COVID-19 u l-miżuri mħabbra mill-awtoritajiet tas-saħħa, is-seduta sussegwenti tal-11 ta' Ġunju 2021 ġiet differita għall-għeluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2021, l-Uffiċjal Prosekutur informa lill-Qorti illi l-imputat ma kienx notifikat (u dan minkejja li l-imputat kien ġie notifikat fl-awla fis-seduta preċedenti), fis-seduta sussegwenti tas-7 ta' Marzu 2022, l-imputat ma deherx minkejja li kien debitament notifikat u ġie ordnat l-ħruġ ta' mandat ta' arrest fil-konfront tiegħu, fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022 xehdet Christabelle Azzopardi, ukoll indikata mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, u fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022, l-imputat reġa' ma deherx minkejja li kien notifikat u għalhekk għal darb'oħra nħareġ mandat ta' arrest fil-konfront tiegħu. Dakinhar il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-provi tagħha kienu magħluqa. Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2022, l-imputat minkejja li kien notifikat, baqa' ma deherx, u stante illi kien hemm mandat ta' arrest in vigore fil-konfront tiegħu, l-ewwel Qorti ordnat li dak il-mandat jibqa' fis-seħħ. Il-kawża tħalliet għall-1 ta' Diċembru 2022. Dakinhar wara li l-avukat difensur iddikjara illi l-imputat kien ilu snin ma jkellmu,

il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja għalqet il-provi tad-difiża u ħalliet il-kawża għas-sentenza. Fis-seduta ta' nhar l-20 ta' Marzu 2023 l-appellat reġa' ma deherx u l-ewwel Qorti pproċediet għas-sentenza, fil-presenza tal-istess imputat, fis-seduta sussegwenti tal-24 ta' April 2023.

11. Issa veru illi kif tgħid l-Avukat Ġenerali fl-aggravju tagħha, l-ewwel Qorti ma setgħetx tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet (e) u (h) li jikkontemplaw reati relatati mad-droga, la darba hija kienet munita bl-ordni tal-Avukat Ġenerali sabiex tiddeċiedi dawn l-imputazzjonijiet fil-kompetenza tagħha ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fir-rigward, l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 31, il-Qorti tal-Maġistrati tkun kompetenti li tipproċessa r-reati kollha kontra din l-Ordinanza kif ordnat mill-Avukat Ġenerali skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(2).

12. Illi madankollu, qabel xejn hemm nuqqas ieħor li qed jiġi sollevat minn din il-Qorti *ex officio* u li jwassal għan-nullita` tas-sentenza appellata in kwantu l-appellat fl-ebda stadju ma ta l-kunsens tiegħu sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja. Dan għalkemm ir-reati dedotti kontra tiegħu fl-imputazzjonijiet oriġinali (a) u (b) kienu jeċċedu l-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li fiż-żmien tal-allegati reati, kienet piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur.[3] Ai termini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali, kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern[4], minkejja l-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin, sabiex tkun ġudikata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'

---

[3] Ara l-Artikolu 370(1)(b) qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att VIII tas-sena 2015.

[4] Għalkemm illum l-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali jirreferi għal delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sentejn iżda mhux iżjed minn tnax-il sena, fiż-żmien ta' dan il-każ, l-istess artikolu kien jirreferi għal delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin. Din l-emenda fil-liġi saret permezz tal-Att VIII tas-sena 2015. Ai termini tal-Artikolu 1(2) tal-istess Att, "*Id-disposizzjonijiet tal-istess Att għandhom japplikaw għal kull proċeduri krminali li jkunu bdew wara li dan jiġi fis-seħħ u m'għandhom bl-ebda mod jaffettwaw il-validita` ta' kwalunkwe proċeduri legali li jkunu ġew konklużi jew li jkunu għadhom pendenti fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tiegħu*", b'dan għalhekk illi l-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, kellu jibqa' japplika għal dan il-każ.

Ġudikatura Kriminali, jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn din il-persuna. Skont l-Artikoli 370(3)(b) u (ċ) imbagħad:

> (b) Fuq talba tal-Avukat Ġenerali lill-qorti sabiex tiġġudika dak id-delitt, il-qorti għandha tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja u tagħtih, fid-diskrezzjoni tagħha, żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.
>
> (ċ) Jekk, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, l-akkużat iwieġeb illi huwa m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, il-qorti għandha tinnota t-tweġiba fil-proċess u malli tagħmel hekk il-qorti tkun kompetenti li tittratta l-każ tal-akkużat u għandha tagħti s-sentenza minnufih, kif provdut fl-artikolu 377. [sottolinear miżjud]

13. Dan il-kunsens tal-akkużat huwa wkoll neċessarju fit-termini tal-Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta l-Avukat Ġenerali joħroġ il-kontro-ordni skont dak l-artikolu:

> Minkejja li l-Avukat Ġenerali jkun ordna skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(2), li persuna tiġi proċessata mill-Qorti Kriminali, huwa jista', f'kull żmien qabel ma jippreżenta l-att tal-akkuża, jew f'kull żmien wara li jippreżenta l-att tal-akkuża u qabel ma jintagħżel il-ġuri, u bil-kunsens tal-akkużat, jordna li dik il-persuna tiġi proċessata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u malli jsir dak l-ordni l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tkun kompetenti li tipproċessa lil dik il-persuna daqslikieku ma jkun ingħata ebda ordni qabel...[sottolinear miżjud]

14. La darba jingħata l-kunsens tal-akkużat sabiex il-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja tikkonverti f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex finalment tgħaddi għall-ġudizzju fl-għeluq tal-kawża kontra l-istess akkużat.

15. Fil-każ odjern madankollu, l-ewwel Qorti baqgħet ma ottjenietx il-kunsens tal-imputat qabel ma pproċediet bil-kawża u bl-eventwali sentenza fil-konfront tiegħu fil-kompetenza tagħha ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fis-sentenza appellata, apparti illi l-ewwel Qorti għaddiet sabiex tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet li jikkontemplaw reati tad-droga għar-raġunijiet indikati iżjed 'il fuq, iddeċidiet ukoll dwar dawk

ir-reati taħt il-Kodiċi Kriminali li jeċċedu l-kompetenza ordinarja ta' dik il-Qorti (liema reati ġew ridotti għat-tentattiv tal-offiża gravi ai termini tal-Artikoli 41(1)(a) u 218 tal-Kodiċi Kriminali u għar-reat ta' offiża gravi taħt l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali), oltre l-addebitu tar-reċidiva, apparti reati oħrajn taħt il-Kapitolu 480 u ksur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 446 fit-termini tal-Artikolu 21 tal-istess Kapitolu, indikati fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali. Dan ifisser illi l-Qorti tal-Maġistrati pproċediet sabiex għaddiet għas-sentenza fil-vesti tagħha ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, meta qatt ma ġiet vestita b'dik il-kompetenza, u dan la bis-saħħa tal-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali u lanqas taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. Illi għalhekk wara li rċeviet il-kontro-ordni tal-Avukat Ġenerali bin-nota ta' rinvizju għall-ġudizzju u wara li semgħet ix-xhieda ndikati mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota, l-ewwel Qorti kellha tistaqsi lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja.[5] Dan kellu jseħħ fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2022, meta l-imputat deher għall-ewwel darba wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li għalqet il-provi tagħha fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022. Minflok l-ewwel Qorti għalqet il-provi tad-difiża u ħalliet il-kawża għas-sentenza. Għalhekk dak li sar fil-proċess wara l-għeluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni, mis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2022 'il quddiem u s-sentenza appellata, huwa null u mingħajr effett.

17. F'dan ir-rigward qegħda issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) tal-15 ta' Jannar 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Buttigieg**, fejn ingħad hekk:

> Fil-fehma ta' din il-Qorti , appena l-Ewwel Qorti rceviet il-kontro-ordni w fl-ewwel udjenza li l-appellant kien jindenja ruhu li jidher, dik il-Qorti kellha tistaqsieh jekk kienx qed jaghti l-kunsens tieghu rikjest ghall-fini tal-artikolu 31 tal-Kap.101 u l-artikolu 370 tal-Kap.9 .
>
> Bil-fatt li dan ma sarx u baqa' ma sar qatt wara minkejja d-differimenti numeruzi li saru , jigi li l-ewwel Qorti qatt ma kienet saret kompetenti biex tiggudika l-kaz u ghalhekk dak kollu li sar fil-process minn fol. 115 meta nqrat il-kontro-ordni fil-prezenza

[5] Ara l-Artikolu 370(3)(f) tal-Kodiċi Kriminali.

tal-appellant l-quddiem , inkluza d-depozizzjoni tal-appellant u s-sentenza appellata , huwa null u bla effett .

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tiddikjara l-proċeduri wara l-għeluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni, inkluż is-sentenza appellata, bħala nulli u bla effett u stante illi la darba ma nkisibx il-kunsens tal-appellat, kif ingħad, il-Qorti ma kinitx kompetenti sabiex tiġġudika l-każ, din il-Qorti qegħda tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tipproċedi skont il-liġi, ai termini tal-Artikolu 428(1) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellat għandu jitqiegħed fl-istess posizzjoni li kien immedjatament wara l-għeluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**